FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 12 TA' NOVEMBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MICALLEF
VS
EMANUEL FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Farrugia ta' 38 sena imwieled fit-13 t'Ottubru 1961 bin Nazzareno u Lorenza nee Cassar ta' 43, St Anthony Street, Tarxien ID678761M talli f'dawn l-ahhar sentejn f'dawn il-gzejjer hedded, hebb u ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-pesuna ta' Irene Gravina kif iccertifikat min Dr C Fava MD.

Talli f'dawn l-ahhar xahrejn f'Hal Ghaxaq hebb minghajr ma ghamel griehi fuq il-persuna ta' Anthony Gravina, tarbija ta' xahrejn.

Talli f'dawn l-ahhar sentejn f'dawn il-gzejjer f'diversi hinijiet minghajr ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwetra lil Irene Gravina kontral-volonta taghha bi ksur tal-Art 86 u 87 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli matul dan iz-zmien l-arrest jew sekwestru sar b'xorta ta' tortura bi ksur tal-Art 88 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi Irene Gravina, tfajla semplici, ghamlet perjodu tghix mal-imputat li minnu ghandha tarbija.

Illi matul dan il-perjodu illi kienet tghix mieghu u cioe fl-ahhar sentejn qabel id-data tal-akkuza Gravina xehdet illi hija qed tigi mahqura mill-imputat, fis-sens illi kienet tigi imsawwta minnu, imsakkra gewwa darha b'mod li anke ix-xhu tters kienu jigu imsakkrin biex tibqa fid-dlam u dana sforz il-morbid jealousy illi kienet tahkem lill-imputat.

Gravina xehdet illi l-imputat kien isakkarha gewwa il-ghaliex kien jissuspetta hazin fiha tant li  kellu f'rasu illi kull ragel illi seta b'xi mod anke remot illi jigi in kuntatt mal-kwerelanti kien ser jkollu relazzjoni sesswali maghha.  Fil-fatt l-imputat kien tant iffissat illi l-anqas ma kien jippermettilha tohrog iz-zibel ghaliex kien jahseb li ser tmurlu ma taz-zibel ghaldaqstant kienu jghixu fi hmieg tremend b'akkumulu kbir ta' zibel, hrieqi mahmugin  u f'mizerja totali il-ghaliex l-anqas tixtri ma kien ihalliha tmur.

Anke xi kultant meta kienet tohrog mieghu, l-imputat kien jippretendiha timxi rasha l-isfel.

Gie ppruvat wkoll illi l-imputat kien jahraq lit-tarbija tieghu minuri il-ghaliex ma kienx jistaportih jibki . In effett Dr Simon Attard Montalto, Chief Pediatrician, sab lit-tarbija f'kundizzjoni tajba u ma sab ebda sinjali esterni ta' dan l-abbuz.

Fuq din it-tarbija kien hemm care order mill-awtoritajiet.

L-imputat jinnega dana kollu b'mod veciforu

Il-Qorti ordnat psychiatric report fuq l-imputat u innominat lil Dr David Cassar ghal dan il-ghan u sab illi Farrugia kien ibati minn kundizzjoni ta' "Ghira patologika illi mhijiex kawzata minn mard imma cirkostanzi u sitwazzjonijiet" illi gew imsemmija fir-relazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda ta' dan il-process u wara illi pprovat taghmel min kollox biex tghin bi kwalunkwe mezz disponibbli ghaliha din id-disfunctional family, wara li qieset ir-rizultanzi tar-rapport psikjatriku fuq l-imputat, issib lill-imputat hati skond l-akkuza ghajr l-ahhar akkuza ta' tortura u wara li rat Art 339(e), 221, 86 u 87 tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ta' sentejn taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Marietta Lanzon.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.